**Minuti tal-erbgħa u sebgħin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter**

L-74 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter saret nhar il-Ħamis 12 ta' Novembru 2015. Il-laqgħa bdiet fis-6.10 ta' filgħaxija.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti għal-laqgħa kienu ċ-*Chairperson* is-Sur Mario Bartolo, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Luciano Farrugia u l-membri s-Sinjuri Joseph Agius, Nicholas Azzopardi u Norman Clews.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Agius, il-minuti tat-73 laqgħa ġew unanimament approvati.

Item 3 – Affarijiet mill-Minuti

Dwar is-sistema ta' *one way* fi Triq Dun Salv Sciberras, iċ-*Chairperson* qal illi t-tibdil approvat minn Transport Malta kien ġie mplimentat mill-Kumitat. Is-Sur Bartolo qal li għalkemm is-sistema tidher li issa hija aħjar milli kienet, tinħass il-ħtieġa li l-parti l-oħra ta' Triq Dun Salv Sciberras ukoll issir *one way* u din it-triq tingħalaq minn Triq il-Berebis. Iċ-*Chairperson* qal ukoll li hemm ftit ta' problema b'tabella ta' *no entry* li ġiet quddiem residenza u għaldaqstant ikun aħjar li titressaq jekk kemm il-darba jinstab post alternattiv fejn għandha tiġi spustjata din it-tabella. Is-Sur Agius issekonda lis-Sur Farrugia li l-Kumitat qabel unanimament li jitlob sabiex jintalab biex Triq Dun Salv Sciberras tingħalaq minn Triq il-Berebis.

Is-Sur Farrugia semma l-ħtieġa li jsiru *stop signs* adekwati fi Triq iż-Żabrella u fi Triq il-Madaffa.

Iċ-*Chairperson* staqsa jekk il-MaltaPost kinetx intalbet sabiex twaħħal kaxxa tal-ittri ġdida fil-viċinanzi ta' Triq il-Marżebb. Is-Segretarju wieġeb fil-pożittiv.

Iċ-*Chairperson* informa lill-Kumitat illi kienet ingħatat l-approvazzjoni biex isiru żewġ *road humps* fi Triq Dun Salv Sciberras.

Is-Sur Bartolo qal ukoll illi Transport Malta ma laqgħetx it-talba sabiex isiru *road humps* fi Triq San Leonardu u dan peress illi t-triq hija waħda li sservi ta' rotta għall-karozzi tal-linja. Is-Sur Agius qal li ma jistax jifhem kif din it-talba ma ġietx milqugħa meta f'toroq oħrajn minn fejn jgħaddu l-karozzi tal-linja f'lokalitajiet oħra bħal Kalkara, ftit metri biss 'il bogħod minn Triq San Leonardu kif ukoll Ħal-Kirkop u ż-Żurrieq, saru *road humps* f'toroq minn fejn jgħaddu l-karozzi tal-linja.

Dwar it-tliet toroq f'St Peter li jeħtieġ jingħataw it-tarmak, Triq in-Naħla, Triq il-Werżieq u Triq iż-Żarżarell, iċ-*Chairperson* talab li terġa' tinkiteb ittra lill-Ministru Mizzi biex dawn it-toroq isiru mill-ġdid kemm jista' jkun malajr peress illi ddeterjoraw u jeħtieġ jiġu rranġati malajr.

Item 4 – Korrispondenza

Inqrat ittra li ntbgħatet flimkien ma' petizzjoni mir-residenti ta' Triq il-Bumellies dwar linji sofor li saru fit-triq, kif ukoll dwar bankina li kienet saret quddiem il-garaxxijiet li dejqet l-wisa' tat-triq. Fuq proposta tas-Sur Farrugia li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo, il-Kumitat qabel unanimament li tintbgħat ittra lir-residenti tat-triq wara li jiġu verifikati ma' Transport Malta jekk dawn il-linji humiex skont il-liġi jew le.

Is-Segretarju nforma lill-Kumitat bl-ittra ta' ringrazzjament li l-Arċipriet tal-Parroċċa kiteb lill-Kumitat Amministrattiv St Peter wara l-awgurju li l-Kumitat bgħat għall-fatt illi l-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar ingħatat it-titlu ta' Parroċċa Arċipretari.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Clews, il-Kumitat approva unanimament ir-Rapport Finanzjarju ta' Tliet Xhur għall-perjodu Lulju – Settembru 2015.

Is-Sur Farrugia tkellem dwar il-linji tal-ipparkjar li saru fi Triq l-Għakrux u qal li dawn ma tantx kienu effettivi u li ħafna drabi minħabba l-post fejn saru qed tinħoloq problema għas-sewwieqa. Is-Sur Farrugia ssuġerixxa li l-Kumitat jevalwa s-sistema ta' parkeġġ f'din il-parti tat-triq.

Is-Sur Farrugia ppropona li titnaddaf u tiġi rranġata s-*soft area* li hemm fi Triq l-Għakrux faċċata ta' Triq il-Berebies u li jinbidel il-ħajt li jdawwar din is-*soft area*. Is-Sur Farrugia talab ukoll li titwaħħal tabella biex ma jintefax skart f'dan is-sit. Is-Sur Azzopardi ssekonda lis-Sur Farrugia u l-Kumitat qabel unanimament.

Is-Sur Farrugia ppropona li l-Kumitat jitlob l-approvazzjoni ta' Transport Malta sabiex issir *zebra crossing* maġenb il-*bus stop* li saret riċentament fi Triq ix-Xgħajra qabel id-daħla għal Triq l-Għakrux. Is-Sur Agius issekonda din il-proposta u l-Kumitat qabel unanimament li ssir din it-talba.

Is-Sur Clews tkellem dwar inċident li seħħ ftit tal-jiem ilu fi Triq San Leonardu fejn *bowser* waqqa' materjal fit-triq bil-konsegwenza li kellhom jissejħu l-Pulizija kif ukoll l-għajnuna tal-membri tal-Protezzjoni Ċivili biex jitneħħa l-materjal u titnaddaf it-triq biex jitneħħa l-periklu għar-residenti u għall-pubbliku. Fuq proposta taċ-*Chairperson*

li ġiet issekondata mis-Sur Azzopardi, il-Kumitat qabel unanimament li tintbgħat ittra lill-Ministru għas-saħħa kif ukoll lill-Ministru għat-toroq u l-infrastruttura fejn il-Kumitat jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-mod ta' kif qiegħed jiġi trasportat materjal mill-impjant f'Ta' Barkat li jista' jkun ta' theddida għal saħħet ir-residenti u s-saħħa pubblika.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.10 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-75 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar il-Ħamis, 10 ta' Diċembru 2015.

Mario Bartolo
*Chairperson*